**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas danni wara d-deċiżjoni tagħha tal-10 ta' April 2013 li permezz tagħha din tal-aħħar iddeċiediet li ttemm il-kollaborazjzoni tar-rikorrent fin-network ta' kelliema Team Europe.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *MS huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 326, 5.9.2016.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2017 – Camerin vs Il-Parlament

**(Kawża T-647/16)** (1)

***("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kollokament fl-interess tas-servizz — Età tal-irtirar — Talba għal estensjoni tal-kollokament — Ċaħda tat-talba — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Att preparatorju — Inammissibbiltà")***

(2017/C 256/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laure Camerin (Etterbeek, il-Belġju) (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Alves u M. Ecker, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Grupp tal-Allejanza Progressista tas-Soċjalisti u Demokratiċi fil-Parlament, tal-1 ta' Diċembru 2015, li tiċħad it-talba għall-estensjoni tal-kollokament tar-rikorrenti lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2015 u tad-deċiżjoni tal-President tal-Grupp, tal-15 ta' Ġunju 2016, li tiċħad l-ilment tiegħu.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Laure Camerin hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 410, 7.11.2016.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ġunju 2017 – Elevolution – Engenharia vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-691/16)** (1)

***("FEŻ — Programm ta' appoġġ għall-iżvilupp fil-Mawritanja — Kuntratt ta' impriża konkluż mal-Mawritanja fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' dan il-programm — Irtirar ta' noti ta' debitu kkontestati — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2017/C 256/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Elevolution – Engenharia SA (Amadora, il-Portugall) (rappreżentanti: A. Pinto Cardoso u L. Fuzeta da Ponte, avukati)